Rumanz sabiħ u veru!

Il-pilastri tal-ispiritwalità li Santa Ġovanna Antida għaddiet lis-sorijiet tagħha huma:
- **L-imħabba totali lejn Alla**
- **Is-servizz tal-foqra li huma l-membri tal-Ġisem ta' Kristu li qiegħed ibati**
- **L-universalità tal-imħabba Nisranija**
- **Il-fedeltà lejn il-Knisja**

Ħarsa ħafifa lejn il-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu, turina kif hu, mhux biss talabna rroddu ħajr lil Alla, iżda wkoll li nikkumplimentaw lil xulxin. Fost oħrajn, Ġesù faħħar lil Marija oħt Lażżru li għażlet l-aħjar u qagħdet tisimgħu. Faħħar lit-tfal u qal li tagħhom u ta' min hu bħalhom hi s-Saltna tas-Smewwiet. Faħħar lill-armla fqira li tefgħet biċċtejn żgħar tal-flus għax hi *"... fil-faqar tagħha, tefgħet dak kollu li kellha biex tgħix."* (Lq. 21,4) Faħħar liċ-Ċenturjun, għax f'Iżrael qatt ma sab fidi bħal tiegħu. Faħħar lil Marija Madalena li dwarha qal: *"... dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna."* (Lq. 7, 47)

B'dan f'moħħna, inkunu qed nixbhu lil Kristu meta minn qalbna nfaħħru u nsellmu lis-Sorijiet tal-Karità f'pajjiżna, li għal għexieren ta' snin wettqu missjoni formidabbli f'oqsma differenti ma' eluf kbar ta' nies. Huma semgħu leħen il-Mulej, iltaqgħu miegħu, kellmuh, farrġuh, ferrħuh, ikkurawh, għenuh, taffewlu l-problemi, waqfu miegħu u għannquh ma' qalbhom.

Il-Mulej huwa s-sid tal-istorja tal-bniedem u jidher li kien fil-pjan tiegħu li parti mill-istorja tal-poplu Malti tkun minsuġa mill-preżenża u mill-ħidma tas-sorijiet tal-Karità.

Kif waslu Malta

Is-Sorijiet tal-Karità twaqqfu fl-1799 minn mara Franċiża, Santa Ġovanna Antida Thouret, fi tmiem tar-Rivoluzzjoni Franċiża. L-għan li għalih waqqfet il-kongregazzjoni kien li taqdi lill-fqar, li fihom rat il-wiċċ ta' Ġesù batut. Sakemm hi kienet għadha ħajja, il-kongregazzjoni ġa bdiet tinfirex fl-Iżvizzera u fl-Italja.

Fl-1868 l-Awtoritajiet Ċivili talbu lis-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Ġovanna Antida biex jieħdu ħsieb l-Orfanatrofju Governattiv fil-Belt Valletta. Huma xtaqu sorijiet Franċiżi u sorijiet li kienu jitkellmu bl-Ingliż. L-ewwel sorijiet rifsu fuq il-gżejjer Maltin fl-1 ta' Diċembru tal-istess sena, jiġifieri l-1868. Ftit wara l-wasla tagħhom, il-kontrollur li kien responsabbli mill-opri soċjali ta' dak iż-żmien, qal hekk fuqhom: "Jidher li dawn is-sorijiet għandhom il-kwalitajiet neċessarji u huma mimlija kuraġġ u għandhom spirtu li jiġbed l-ammirazzjoni ta' kulħadd."

Ħidma fl-orfanatrofji, sptarijiet u skejjel

Dan kien il-bidu tal-komunitajiet tas-sorijiet f'Malta li għal dawn l-aħħar 150 sena taw il-ħidma ġeneruża u Nisranija tagħhom fl-orfanatrofji, sptarijiet u skejjel governattivi kif ukoll privati, fil-ħabs u fil-qasam soċjali. Kienu minn talewwel biex jagħtu servizz ma' persuni li mhux kulħadd xtaq jaħdem magħhom, bħalma kienu persuni morda bil-lebbra u b'mard ieħor li jittieħed.

Fil-ħidma tagħhom l-aktar fil-qasam edukattiv, tas-saħħa u soċjali, huma dejjem urew żelu u ġenerożità kbira. Kienu ta' appoġġ għal kull min kien fil-bżonn, b'mod speċjali għal dawk li kienu l-aktar imwarrba mis-soċjetà.

Għalkemm is-sejħa li jiġu Malta kienet fil-qasam soċjali, is-sorijiet malajr issejħu biex jieħdu f'idejhom sptarijiet ċivili fosthom iċ-Ċentrali, l-Isptar Monte Carmeli, l-Isptar tal-Inkurabbli u Santu Spirtu, li kien l-eqdem sptar f'Malta u li kien jilqa' mhux biss il-morda imma wkoll il-foqra ta' dak iż-żmien. Daħlu wkoll fl-isptar ġeriatriku San Vinċenż, f'Lazzarett li kien miftuħ għall-morda li kellhom mard infettiv u l-Connaught li kien sptar għal min kien ibati bit-tuberkuloži. Bla tlaqliq nistgħu ngħidu li s-Soru tal-Karità kienet preżenti fl-isptarijiet kollha ta' Malta u Għawdex, sakemm minħabba nuqqas ta' vokazzjonijiet, kellhom jirtiraw il-preżenza tagħhom. Ftit snin wara li waslu Malta, malajr intalbu jagħtu servizz f'Għawdex.

L-ewwel ħidma kienet fl-1880, fil-Konservatorju tal-Isqof; ħidma mat-tfal fl-iskola u mal-orfni. Is-sena ta' wara ntalbu jieħdu ħsieb l-Isptar Ċentrali ta' Għawdex.

Il-ħidma edukattiva kienet u tibqa' dejjem għal qalb is-sorijiet. Ħafna huma t-tfal u ż-żgħażagħ Maltin li rċevew l-edukazzjoni tagħhom fl-iskola St Joan Antide, il-Gudja jew fl-Immaculate Conception School f'Ħal Tarxien. Għalkemm illum St Jeanne Antide College huwa mmexxi prinċipalment mil-lajċi, nistgħu ngħidu li l-kariżma ta' mħabba lejn iż-żgħir għadha preżenti, għaliex l-ispirtu ta' Santa Ġovanna Antida huwa ta' ispirazzjoni kbira għal kull min jiltaqa' magħha.

Barra l-ħidma fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni, is-Sorijiet tal-Karità baqgħu dejjem preżenti fil-qasam soċjali permezz ta' kura ta' tfal orfni u abbandunati, għajnuna lill-adolexxenti minn familji bi problemi, ħidma fost l-ommijiet jistennew tarbija, ma' dawk li jbatu minn xi diżabilità u ma' anzjani li jgħixu waħedhom fid-djar tagħhom jew f'istituzzjonijiet. Ftit snin wara l-miġja tas-sorijiet f'Malta, huma ntalbu jagħtu s-servizz tagħhom ukoll ma' persuni li qed jiskontaw sentenza l-ħabs – servizz ta' fejda kbira kemm għal min kien ġewwa kif ukoll għall-familji tagħhom. Fis-Soru tal-Karità huma dejjem sabu qalb miftuħa li tħobb u tgħin mingħajr ma tgħaddi ġudizzju.

Matul is-snin kibru wkoll il-problemi soċjali. Is-Soru tal-Karità għarfet tinfetaħ għal kull bżonn li kien hemm fis-soċjetà, skont iż-żminijiet. Ma kinux biss it-tfal orfni li kellhom bżonn il-preżenza tas-Soru tal-Karità. Meta tfaċċat il-problema tad-droga f'Malta, is-Soru tal-Karità kienet fost l-ewwel persuni mħarrġa biex tgħin lil dawn il-persuni. *St Jeanne Antide Welfare Campaign*, li nbdiet minn Sr Laura Tanti fl-1969, kellha bħala għan li tfittex u tgħin persuni u familji li kellhom problemi soċjali differenti. Kienu ħafna li bbenefikaw mill-ġid li wettqet din l-assoċjazzjoni, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

Il-Knisja ilha żmien titlob lill-kongregazzjonijiet reliġjużi biex jinfetħu u jaqsmu l-kariżma tagħhom mal-lajċi. *St Jeanne Antide Foundation* u Dar Hosea huma d-dirgħajn soċjali tas-Sorijiet tal-Karità. Huma mmexxija minn lajċi ispirati mill-kariżma ta' Santa Ġovanna Antida. Għandhom f'qalbhom imħabba kbira lejn dawk li huma l-aktar fil-periferija tas-soċjetà. L-għan tagħhom hu li jilħqu persuni bi bżonnijiet li mhumiex jintlaħqu minn aġenziji oħra f'pajjiżna. Permezz tal-kariżma tagħhom huma jissoktaw jieħdu ħsieb lill-persuni l-aktar vulnerabbli ta' żminijietna, dawk bi problemi ta' saħħa mentali u l-familjari tagħhom, nisa vittmi ta' vjolenza domestika u tal-prostituzzjoni u tfal u żgħażagħ li ġejjin minn familji bi problemi kbar.

Fid-Dar tal-Providenza

Ħamsin sena ilu, il-mibki u qatt minsi Mons. Mikiel Azzopardi, talab lis-Sorijiet tal-Karità biex jieħdu ħsieb l-opra ġdida li hu kien beda – id-Dar tal-Provvidenza. Waqt li ż-żminijiet u s-sistemi tbiddlu u laħqu livell għoli u professjonali ... is-Sorijiet tal-Karità baqgħu dejjem preżenti f'nofs ta' dan it-tibdil kollu.

Is-Sorijiet tal-Karità ħadmu fuq li ħadmu. Meta tagħti titwila ġenerali lejn l-istorja ta' din il-ħidma impressjonanti tul 150 sena, issib rumanz sabiħ, rumanz ta' veru, b'kapitli twal fuq sorijiet b'qalb

Għal paġna 29

Is-Sorijiet tal-Karità f'Malta 1868 - 2018

... mad-daqqa t'għajn

Matul dawn il-150 sena, is-Sorijiet tal-Karità ħadmu fi rħula u bliet differenti ta' Malta u Għawdex. L-ispirtu missjunarju qatt ma naqas fihom tant li xi whud minnhom taw servizz twil f'pajjiżi li mhux faċli tgħix fihom bħalma huma l-Pakistan, il-Libja, is-Sudan, l-Eġittu, l-Afrika Ċentrali, iċ-Chad, il-Kamerun u saħansitra fil-Laos u t-Tajlandja.

L-Orfanatrofju fil-Belt Valletta (1868 - 1940) ta bidu għall-ħidma siewja u fejjieda tas-Sorijiet tal-Karità f'Malta

Sptarijiet

Il-preżenza tagħhom fl-isptarijiet statali damet għal bosta snin:
Sptar Ċentrali (1871 -1954)
Mount Carmel (1871 - 1990)
Sptar tal-Inkurabbli fil-Belt Valletta (1875 - 1892)
L-Isptar Santu Spirtu li kien l-eqdem sptar f'Malta, li kien jilqa' kemm il-morda kif ukoll il-foqra (1878 - 1967)
L-Isptar Ġerjatriku San Vinċenz (1892 - 2001)
Lazzarett – sptar għall-mard infettiv (1900 - 1975)
Connaught, l-Imdina – sptar għal min kien ibati bit-TB (1909 - 1955)
Sptar Ċentrali, Għawdex (1881 - 1976); Sptar Craig (1976 - 1996)
Chambrai Għawdex – sptar għall-persuni li kienu jbatu b'mard mentali u bil-ġdiem (1934 -1975)
Sptar San Luqa (1938 - 2000)
Is-sorijiet ħadu ħsieb il-feruti fl-istituzzjonijiet tal-Knisja fi żmien il-gwerra (1940 - 1945)
Ftuħ tan-*Nursing School* fi Gwardamanġa (1948)
Tripli (1965 - 1996): is-sorijiet Maltin ħadmu f'żewġ sptarijiet
Dar tal-Providenza (1968 sal-lum)
Sir Paul Boffa (1973 - 2003)
Paol Health Centre (preżenti)

Djar tal-anzjani

Saura Hospice (1871 - 2003)
Ħaż-Żmien, l-Imtarfa (1979 - 1991)
Casa Leone (1985 - 2004)

Orfanatrofji u djar tat-tfal

Konservatorju Vinċenzo Bugeja (1880 - 2000)
Konservatorju tal-Isqof, Għawdex (1880 - 1996)
L-Istitut ta' Adelaide Cini (1885 - 1992)
Capua Palace (1943 - 1978)

Skola

Immaculate Conception School: fl-1902 infetħu kindergarten u ċentru għat-tfajliet fejn kienu jitgħallmu xogħlijiet tal-idejn. Fl-1944 infetħet l-Iskola Sekondarja u fl-1955 beda x-xogħol biex tinfetaħ Skola Primarja, St Joan Antide, il-Gudja.

F'diversi rħula kien hemm ukoll kindergartens żgħar

Ħidma soċjali

Faċilità Korrettiva ta' Kordin (1891 - 2003)
St Jeanne Antide Welfare Campaign, f'Malta u barra minn Malta (1969)
St Jeanne Antide Foundation (2007) fejn tingħata għajnuna lil nisa vittmi (u *survivors*) tal-vjolenza domestika, lil persuni bi problemi ta' saħħa mentali, tfal u żgħażagħ li jbatu bl-awtiżmu, *after school learning, befriending service* – ma' persuni li jgħixu weħidhom minħabba mard jew anzjanità. Din l-għajnuna ma' dawn il-kategoriji kollha ta' persuni hi estiża wkoll mal-familjari tagħhom.
Dar Hosea – drop in centre għal nisa vittmi tal-prostituzzjoni
Ħadmu mal-Caritas, Discern, Hospice Malta u s-Segretarjat Assistenza Soċjali
Ħidma Pastorali, Djakonija u tagħlim Kateketiku f'parroċċi differenti
Żjarat lill-anzjani u morda fi djarhom.



Ħidma altruwista

minn paġna 28

tad-deheb li ddedikaw ħajjithom biex itaffu t-tbatija, jgħinu fis-soluzzjoni ta' tant problemi, inisslu tama, jgħallmu u jressqu lin-nies lejn Ġesù Kristu. Ħidma altruwista minn fuq s'isfel, minn tarf għal ieħor. Servizz uniku miżrugħ, imnibbet u mkabbar fil-ħamrija tal-imħabba tal-proxxmu. Jiġi f'moħħna u jidwi f'widnejna, kliem San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Korintin: *"Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar ... dak li ħawwel u dak li saqqa; kull wieħed jieħu l-ħlas li ħaqqu skont ma ħadem.* (1 Kor 3:6, 8)

X'ħabta għandu l-Mulej li mix-xejn joħroġ il-ħafna, miċ-ċokon joħroġ il-kobor, miż-żerriegħa joħroġ l-għelejjel. Ma' Marija, il-qaddejja umli tal-Mulej, għamel magħha ħwejjeġ kbar. Minn grupp ta' tużżana appostli, ħareġ knisja li llum tħaddan ħafna aktar minn biljun. U minn daqsxejn ta' tfajla f'qiegħ raħal Franċiż, is-Setgħani għamel opra li xterdet sew fl-irkejjen tad-dinja. Dak li bdiet aktar minn 200 sena ilu għadu jwarrad sal-lum. Hija kienet kitbet: *"Jien lesta li naqsam l-ibħra u l-muntanji jekk inkun naf li din hi r-rieda t'Alla."* Dal-kliem profetiku seħħ mija fil-mija. Biżżejjed naħtu titwila lejn il-pajjiżi f'erba' kontinenti li fihom xterdet il-ħidma tas-Sorijiet tal-Karità: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, il-Paragwaj, l-Amerika ta' Fuq, Franza, l-Italja, l-Iżvizzera, Malta, l-Ingilterra, l-Albanija, ir-Rumanija, il-Moldavja, Spanja, l-Eġittu, is-Sirja, il-Libanu, l-Etjopja, is-Sudan u s-Sudan ta' Isfel, il-Kamerun, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, iċ-Chad, il-Gabon, il-Pakistan, l-Indja, l-Indoneżja, il-Laos, it-Tajlandja, il-Vjetnam, u ċ-Ċina.

Fl-Ittra lil-Lhud naqraw: "La tinsewx l-imħabba lejn il-barranin għax minħabba f'hekk xi whud bla ma jafu, laqgħu l-angli" (Lhud 13,2). Fil-każ tas-Sorijiet tal-Karità jistgħu b'wiċċhom minn quddiem jgħidu li laqgħu kori sħaħ ta' anġli. Bħalma fjura tagħti l-fwieħa tagħha lil kull min jersaq lejha jew iżommha f'idu, hekk ukoll l-imħabba toħroġ tfewwaħ minna, kull darba li nagħtu servizz lil ħaddieħor. Liema fwieħa tad-ditta tista' qatt titqabbel ma' din il-fwieħa ħierġa minn idejn is-sorijiet li taw ħajjithom għall-oħrajn?

Quddiem firxa hekk wiesgħa ta' ħidma, eluf kbar ta' Maltin u barranin, nistħajluhom jaqbdu id f'id u flimkien, b'leħen għoli, jgħidu: "Intom is-Sorijiet tal-Karità xxerrdu l-fwieħa kull fejn tmorru. Intom ħallejtu lil Ġesù jieħu kontroll ta' ħajjitkom, biex din tirrifletti lilu biss. Kull min jiġi f'kuntatt magħkom iħoss il-preżenza ta' Ġesù u jara mhux aktar lilkom iżda lil Ġesù. Intom tiddu bħad-dawl. Intom ixxandruh bla ma titkellmu wisq. Ixxandruh bl-eżempju u bil-forza qawwija ta' dak li twettqu."

Il-fundatriċi Jeanne-Antide Thouret (1765 - 1826)

Ġovanna Antida Thouret kienet soru Franċiża li qattgħet ħajjitha fis-servizz tat-tfal fi skejjel u mal-morda fi djarhom u fl-isptarijiet. Kienet il-ħames wild fost tmint itfal. Missierha kien jaħdem fix-xogħol tal-ġlud. Tilfet lil ommha meta kellha biss 15-il sena. Bdiet tieħu ħsieb lil missierha u lil ħutha.

Meta kellha 22 sena daħlet mal-Kongregazzjoni Vinċenzjana *Daughters of Charity* f'Pariġi; komunità ta' sorijiet dedikata għas-servizz tal-foqra.

Ħadmet f'bosta sptarijiet. Matul ir-Rivoluzzjoni Franċiża, ir-reliġjużi kienu mġeġħlin jieħdu ġurament ta' lealtà lejn l-istat, li kien imur kontra l-prinċipji u l-valuri Nsara. Billi hi rrifjutat li tagħmel dan, xi suldati sawtuha u damet ix-xhur biex tirkupra mix-xebgħa li tawha. Flimkien ma' oħrajn spiċċat eżiljata fl-Iżvizzera.

Hemm huma ssoktaw jieħdu ħsieb il-morda. Dax-xogħol għamlitu wkoll fis-Saltna tal-Prussja (il-Ġermanja). Hekk kif fl-1799 spiċċat ir-Rivoluzzjoni Franċiża, Ġovanna Antida reġgħet lura fi Franza fil-belt ta' Besançon fejn fetħet skola, dispenserija (spiżerija) u kċina li tipprovdi ikel għall-foqra. Waqqfet il-Kongregazzjoni ġdida tas-Sorijiet tal-Karità.

Billi Napli kienet tagħmel parti mir-Renju Franċiż, omm Napuljun talbitha tmur Napli biex tieħu r-responsabbiltà tal-Isptar tal-Inkurabbli li kien l-akbar sptar tal-belt. Hija waslet Napli f'Novembru tal-1810. Wara ħajja dedikata totalment lil Alla fil-qadi tal-foqra, hija mietet Napli fl-24 ta' Awwissu 1826 fl-età ta' 60 sena. Fit-23 ta'Mejju 1926, il-Papa Piju XI iddikjaraha Beata u fl-14 ta' Jannar 1934, l-istess Papa ddikjaraha Qaddisa. Il-festa tagħha hi ċċelebrata fit-23 ta' Mejju.